



Brussell, 24 ta' Awwissu 2022
(OR. en)

11896/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0252(NLE)**

ASIE 60	TELECOM 344
COASI 131	RECH 471
CONOP 75	CLIMA 407
COTER 208	ENER 401
POLCOM 99	TRANS 535
SUSTDEV 145	TOUR 56
PI 104	EDUC 293
GENDER 135	CULT 88
JAI 1101	ENV 810
MIGR 234	POLMAR 46
COHAFA 79	SAN 489
COHOM 91	AGRI 380
CODRO 1	EMPL 311
COMPET 657	STATIS 36

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	24 ta' Awwissu 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 425 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 425 final.

Mehmuż: COM(2022) 425 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.8.2022
COM(2022) 425 final

2022/0252 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija u
Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn
naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

F'Novembru 2004, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja Ftehimiet Qafas individwali ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK) mat-Tajlandja, l-Indoneżja, Singapore, il-Filippini, il-Malażja u l-Brunei. Il-FSK mat-Tajlandja ġie inizzjalat għall-ewwel darba f'Marzu 2013 iżda l-iffirmar tiegħu ġie sospiż fl-2014 wara l-kolp ta' stat militari fil-pajjiż. Fid-dawl tan-normalizzazzjoni politika fit-Tajlandja, f'Ottubru 2019, il-Kunsill qies li kien xieraq li l-UE tiegħu passi lejn it-twessigħ tal-impenn tagħha mat-Tajlandja billi tħejji għall-iffirmar f'waqtu tal-FSK. In-negożjati dwar il-Ftehim reġgħu bdew fit-13 ta' Lulju 2021 u ġew konklużi wara s-seba' laqgħa ta' negożjati fil-11 ta' Ġunju 2022.

Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u s-servizzi tal-Kummissjoni kienu involuti fil-proċess ta' negożjati. L-Istati Membri ġew ikkonsultati matul il-proċess ta' negożjati f'laqgħat tal-Gruppi ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill. Il-Parlament Ewropew ġie infurmat dwar l-eżitu tan-negożjati.

Il-Kummissjoni tqis li l-oġġettivi stipulati mill-Kunsill fid-direttivi tiegħu dwar in-negożjati tal-Ftehim intlaħqu, u li l-abbozz tal-Ftehim jista' jitressaq għall-iffirmar u għall-konklużjoni.

Il-proposta preżenti tirrigwarda l-istrument ġuridiku li jikkonkludi l-Ftehim.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

2.1. Għan u kontenut tal-ftehim

Il-FSK huwa l-ewwel ftehim bilaterali li qatt sar bejn l-UE u t-Tajlandja u jieħu post il-qafas ġuridiku attwali tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni tal-1980 bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-pajjiżi membri tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja.

Il-FSK jinkludi impenji legalment vinkolanti li huma ċentrali għall-politika barranija tal-UE, kif ukoll dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem, in-nonproliferazzjoni, il-għieda kontra t-terroriżmu, il-Qorti Kriminali Internazzjonali, il-migrazzjoni u t-tassazzjoni.

Il-FSK iwessa' b'mod konsiderevoli l-ambitu għal impenn reċiproku f'diversi oqsma, inklużi l-ġustizzja u l-affarijiet interni kif ukoll id-djalogu fil-qasam ekonomiku u kummerċjali. Il-Ftehim isaħħaħ il-kooperazzjoni f'firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika, inklużi d-drittijiet tal-bniedem, in-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva, il-għieda kontra t-terroriżmu, il-għieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, il-kummerċ, il-migrazzjoni, l-ambjent, l-enerġija, it-tibdil fil-klima, it-trasport, ix-xjenza u t-teknoloġija, l-impjiegi u l-affarijiet soċjali, l-edukazzjoni, l-agrikoltura, il-kultura, eċċ. Jinkludi wkoll dispożizzjonijiet li jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-UE.

Politikament, il-FSK mat-Tajlandja huwa pass importanti biex jissaħħaħ ir-rwol tal-UE fl-Asja tax-Xlokk, abbażi ta' valuri kondiviżi universalment, bħad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem. Huwa jwitti t-triq għat-titjib tal-kooperazzjoni politika, reġjonali u globali bejn żewġt isħab tal-istess fehma. L-implimentazzjoni tal-FSK se twassal għal benefiċċji prattiċi għaż-żewġ naħat, waqt li tiffirma bażi għall-promozzjoni tal-interessi politiċi usa' tal-UE.

Il-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt li se jimmonitorja l-iżvilupp fir-relazzjoni bilaterali ta' bejn il-Partijiet. Il-Ftehim jinkludi klawżola ta' noneżekuzzjoni li tipprevedi l-possibbiltà li tiġi sospiża l-applikazzjoni tal-Ftehim f'każ li jinkisru l-elementi essenzjali.

2.2. Bażi ġuridika għad-deċiżjoni proposta

L-Artikolu 218(6)(a)(iii) TFUE jipprevedi li, fejn ftehim jistabbilixxi qafas istituzzjonali speċifiku billi jorganizza proċeduri ta' kooperazzjoni, il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni li tikkonkludi l-ftehim wara li jikseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew.

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(6) TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u l-kontenut tal-Ftehim. Skont il-każistika, jekk eżami ta' miżura tal-UE jiżvela li din ikollha żewġ għanijiet jew li tinkludi żewġ komponenti u jekk wieħed minn dawn ikun identifikabbli bħala l-għan jew il-komponent ewlieni jew predominanti, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, il-miżura jkollha tkun ibbażata fuq bażi ġuridika waħda, jiġifieri, dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti. B'mod eċċezzjonali, jekk jiġi stabbilit, min-naħa l-oħra, li l-miżura ssegwi għadd ta' oġettivi simultanjament, jew li jkollha diversi komponenti marbuta b'mod intrinsiku mingħajr ma wieħed ikun inċidentali għall-ieħor, sabiex diversi dispożizzjonijiet tat-Trattat ikunu applikabbli, il-miżura trid tkun ibbażata fuq id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti (ara, għal dan il-għan, is-sentenzi tal-10 ta' Jannar 2006, *il-Kummissjoni vs il-Parlament u l-Kunsill*, C-178/03, EU:C:2006:4, il-paragrafi 42 u 43; tal-11 ta' Ġunju 2014, *il-Kummissjoni vs il-Kunsill*, C-377/12, EU:C:2014:1903, il-paragrafu 34; tal-14 ta' Ġunju 2016, *il-Parlament vs il-Kunsill*, C-263/14, EU:C:2016:435, il-paragrafu 44; u tal-4 ta' Settembru 2018, *il-Kummissjoni vs il-Kunsill* (il-Każakistan), C-244/17, ECLI:EU:C:2018:662, il-paragrafu 40).

L-għan jew il-komponent ewlieni tal-Ftehim jaqa' fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

Għaldaqstant, jenħteġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 209 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) TFUE u l-Artikolu 218(8) TFUE.

2.3. Natura legali

L-analiżi tal-kamp ta' applikazzjoni tal-FSK tindika li t-Trattati taw is-setgħa lill-UE biex tagħxxi fl-oqsma kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-FSK. Abbażi ta' din l-analiżi legali, il-Kummissjoni temmen li l-abbozz tal-ftehim jista' jiġi konkluż bħala ftehim "għall-UE biss". Għal din ir-raġuni, l-abbozz il-ġdid tal-ftehim ġie nnegożjat għall-ewwel darba bħala ftehim "għall-UE biss". Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li l-proċedura iqsar u aktar prevedibbli tar-ratifika għad-dħul fis-seħħ tal-FSK bħala ftehim "tal-UE biss", kienet fl-interess tal-Unjoni biex tipproċedi mingħajr dewmien bl-implimentazzjoni tal-Ftehim.

Madankollu, l-Istati Membri fil-Kunsill waqt il-laqgħa tal-COREPER tal-20 ta' Lulju 2022 talbu unanimament lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex idawru dan il-ftehim f'wieħed imħallat b'applikazzjoni provviżorja. Biex jiġi evitat li l-firma u l-konklużjoni mill-Unjoni Ewropea jiddewwmu fil-Kunsill, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli ddeċidew li jinnegożjaw aġġustament għall-Ftehim qabel ma tiġi ppreżentata l-proposta tal-Kummissjoni għall-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim.

L-abbozz meħmuż għalhekk jipproponi li l-Ftehim jiġi konkluż bħala ftehim imħallat.

2.4. Ħtieġa tad-deċiżjoni proposta

L-Artikolu 216 TFUE jipprevedi li l-Unjoni tista' tikkonkludi ftehim ma' pajjiż terz wieħed jew aktar meta t-Trattati jipprevedu dan jew meta l-konklużjoni ta' ftehim tkun meħtieġa sabiex jinkiseb, fil-qafas tal-politiki tal-Unjoni, wieħed mill-oġettivi msemmija fit-Trattati, jew inkella tkun prevista f'att tal-Unjoni legalment vinkolanti jew x'aktarx tolgot regoli komuni jew tbiddel il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom.

It-Trattati jipprevedu li jiġu konklużi ftehimiet bħall-FSK, b'mod partikolari fl-Artikolu 209 TFUE. Barra minn hekk, il-konklużjoni tal-FSK hija meħtieġa sabiex jinkisbu, fil-qafas tal-politiki tal-Unjoni, l-oġettivi msemmijin fit-Trattati.

Għaldaqstant il-Ftehim irid jiġi konkluż f'isem l-Unjoni.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 209, moqri flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill [XXX] ta' [...] ¹, il-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") ġie ffirmat f'isem l-Unjoni fi [...], soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (2) L-oġġettiv tal-Ftehim huwa li jsaħħaħ il-kooperazzjoni f'firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika, inklużi d-drittijiet tal-bniedem, in-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, il-kummerċ, il-migrazzjoni, l-ambjent, l-enerġija, it-tibdil fil-klima, it-trasport, ix-xjenza u t-teknoloġija, l-impjiegi u l-affarijiet soċjali, l-edukazzjoni u l-agrikoltura.
- (3) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat f'isem l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra, huwa b'hekk approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata li tipproċedi jew li taħtar il-persuna bis-setgħa li tipproċedi, f'isem l-Unjoni, għan-notifika prevista fl-Artikolu 60 tal-Ftehim, biex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Ftehim.

¹ ĠU L [...], [...], p. [...].

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President